**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 19 – IL-ĠIMGĦA 15 TA' JANNAR 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa Il-Ġimgħa 15 ta' Jannar 2021 fis-17:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | John Schembri | Sindku |
| | Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| | Frederick Aquilina | Kunsillier |
| | Victor Caruana | Kunsillier |
| | Eric Camilleri | Kunsillier |
| | Lucia Massa | Kunsilliera |
| | Maria Magri | Kunsilliera |

| | | |
|---|---|---|
| Uffiċċjali Preżenti | Michael Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. QARI TAL-ITTRI TAL-APOLOĠIJI

1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġiji.

## 2 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Il-minuti ġew approvati mill-Kunsilliera Massa u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

## 3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ressaq email fuq kors li kien ser isir online biex wieħed ikun kapaċi joffri servizz ta' mentor.

3.2 Is-Sindku ressaq komunikazzjoni minn naħa tar-Reġjun Nofsinhar fuq inizjattiva biex jekk ikollna bżonn nużaw il-faċilitajiet taċ-Ċentru sportiv ta' Ħal Kirkop dawn huma għad dispożizzjoni tagħna.

3.3 Is-Sindku semma li kellu laqgħa mal-Epic rigward il-proġett tal-ismart parking. Huwa qal li magħhom kien ikkordinat kollox biex jitkompla l-proġett bħala sostenibbilita u anki jkun hemm inawgurazzjoni.

## 4. RESTAWR TAL-ISTATWA TAL-KUNĊIZZJONI

4.1 Is-Sindku semma li x-xogħol hawnhekk għadu kif inbeda billi nqala l-ħadid li kien hemm mal-Istatwa. Huwa qal li dan ix-xogħol huwa mistenni li jitlesta skont id-deadlines li kien hemm fil-kuntratt tal-Fondi

## 5. VANN TAL-KUNSILL

5.1 Is-Sindku semma qal li rigward il-vann tal-Kunsill Lokali konna ħriġna t-tender għall darb' oħra u ma kienx hemm offerti. Huwa qal li bħala proċedura issa irridu nitolbu l-approvazzjoni tad-Dipartiment biex dan ikun jista jinxtara permezz ta' direct order.

5.2 Il-Kunsillier Caruana qal li huwa kien diġà ra xi tipi ta' vannijiet u mudelli mingħand suppliers differenti. Is-Sindku qallu biex iġib dawn il-kwotazzjonijiet biex inkunu nistgħu nużawhom għat talba tad-direct order.

## 6. XOGĦOLIJIET

6.1 Is-Sindku semma li fl-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla kien se jinbeda x-xogħol fuq is-saqaf tal-latrina bit-twaqqiegħ.

6.2 Is-Sindku semma li huwa kien kellem lill-kuntrattur li kien inkarigat mix-xogħol tal-pavimentar ta' Triq id-9 t' April peress li dan ma kienx kompla bix-xogħol. Huwa qal li dan il-kuntrattur kien ser ikompli x-xogħol.

6.3 Is-Sindku semma li huwa kien attenda għall site meeting fuq it-tender tal-irrigation ġewwa l-Family Park. Huwa qal li minn kien preżenti faħħar il-mod kif inhu miżmum dan il-Ġnien li jidher bħal ġnien li tara barra minn Malta. Huwa qal li mhux sew li jkun hawn minn imaqdar proġetti li jkun għamel il-Kunsill u ma japprezzax x' għandna diġà.

6.4 Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa kien attenda għall laqgħa li kienet saret flimkien mal-Onor. Miriam Dalli fuq diversi issues f' Ħal Farruġ fosthom it-tankijiet, biex jitkompla x-xogħol li kellu jsir.

6.5 Is-Sindku semma lif' Ħal Farruġ kellu jsir il-buffer zone bejn l-Industrial Estate u ż-żona residenzjali.

6.6 Il-Kunsillier Camilleri semma wkoll li kien ser isir proġett fejn hemm il-Housing Estate minn naħa tal-Ministeru tal-Ambjent u l-Ippjanar flimkien mal-Kunsill Lokali.

6.7 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk jeżistux xi minuti fuq meta kienet saret il-laqgħa mat-Transport Malta. Huwa saqsa wkoll jekk hemmx aċċess għall dawn il-minuti. Il-Kunsillier Camilleri irrisponda li huwa ma jkunx jaf x' għamlu minn naħa tat-Transport Malta peress li din hija entita differenti mill-Kunsill.

6.8 Il-Kunsillier Aquilina saqsa jekk kienx hemm aktar ash trays biex isiru fil-Pjazza. Is-Sindku irrisponda li fil-laqgħa li huwa kellu mal-Cleansing kien talab biex mal-bins li kienu se jingħataw anki jkun hemm ashtrays peress li kellu diversi complaints meta kien qed isir ix-xogħol tal-embellishment. Huwa qal li ftit wara dawn kienu saru u anki tella post fuq Facebook biex jissemma li dawn saru.

6.9 Il-Kunsillier Caruana qal li ma kinux tbattlu l-bins li hemm fejn iċ-Ċimiterju. Is-Sindku semma li minn naħa tiegħu huwa kien diġà bagħathom. Il-Kunsillier Caruana semma li hemm il-kurduna li wkoll kellha bżonn li titranġa ruħha.

6.10 Il-Kunsillier Caruana qal li kellhom isiru xi bollards fejn il-Beko li għadhom ma sarux. Huwa qal li dawn hemm bżonn isiru mat-tul tat-Triq kollha. Huwa qal ukoll li fil-knatuniera

fejn hemm Triq Patri Damjan Taljana tħalliet it-tappiera tad-drenaġġ bil-ħsara magħha. Is-Segretarju qal li huwa se jfakkar lil Water Services fuqha.

6.11 Il-Viċi Sindku qal li meta l-Lidl kien għamel is-sistema tal-parking li qed tintuża bħalissa, ħoloq problema fiż-żona kollha u ħadmet kontra l-Ħalluqin. Huwa qal li fil-viċinanzi fi Triq San Tumas se jkollna problema kbira anki peress li se jkun qed jiftaħ stabbiliment ġdid li se jkun qed jattira ħafna nies. Huwa qal li tkun idea tajba jekk nistgħu nkellmu lil tal-Lidl biex joffru parkeġġ għar residenti wara l-ħin. Is-Sindku qal lis-Segretarju biex jagħmel kuntatt mal-Lidl u niltaqgħu magħhom. Is-Segretarju semma li huwa kien diġà kiteb lil Transport Malta biex ikun hawn skema ta' parkeġġ adattata għall din iż-żona.

6.12 Il-Viċi Sindku semma li l-ħofra li kien hemm fejn il-Bank HSBC issa kienet imtliet kif suppost.

6.13 Il-Kunsillier Aquilina qal li kien sab persuna li kienet lesta li tagħmel recording ta kif jinħadem karru tal-Karnival li jista jsir bħala video u jittella mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal lill-Kunsillier Aquilina biex jikkordina fuq dil-ħaġa mal-Kunsillier Camilleri.

6.14 Il-Kunsilliera Magri semmiet li minn naħa tar-Reġjun kienu ser jinstabu xi uffiċċjali u professjonisti li jistgħu jagħtu servizz ukoll lill-Kunsilli Lokali jekk jkun jeħtieġ u jkunu iffinanzjati għas servizz tagħhom minn naħa tar-Reġjun. Hija semmiet wkoll li se jkun hemm ukoll xi fondi għad dispożizzjoni tal-librerija li mhux bilfors jintużaw biex jinxtraw kotba.

## 7. PERFORMANCE APPRAISAL TAL-ĦADDIEMA

7.1 Kien hemm diskussjoni mill-Kunsilliera fuq il-performance bonus tal-impjegati fejn kien deċiż li kulħadd għandu jingħata l-massimu.

## 8. POST MORTEM TIŻJIN TAL-MILIED

8.1 Is-Sindku semma li s-sena l-oħra kienet l-ewwel darba li l-Kunsill Lokali ħareġ bl-inizjattiva li tkun imżejna t-Triq tal-Kunsill u toroq oħra f' Ħal Luqa. Huwa qali li din kienet irnexxiet u għandha terġa ssir hekk. Is-Sindku semma li mal-Każini tal-Banda irridu naraw li meta dawn jarmaw ikun hemm affarijiet li jkunu jidhru sewwa.

8.2 Is-Sindku semma li minn naħa tagħna irridu nagħmlu laqgħa bħala Kunsill mal-Każini u anki jkun hemm dik il-persuna li se tarma l-armar u jkun il-Kunsill Lokali li jindika lill-Każini x' għandu jintrama.

## 9. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

9.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dan l-item.

## 10. TMIEM TAL-LAQGĦA

10.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ġimgħa 15 ta' Jannar fis-6.25 pm. Kien hemm il-ġurnata tat- 12 ta' Frar proposta għall laqgħa li jmiss.

**John Schembri**

**Sindku**

**Michael Portelli, BA (Hons), MA CHM, MBA**

**Segretarju Eżekuttiv**